**Nru. 645**

**ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)**

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:

**No. 645**

**APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CUSTOMS)**

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance has approved the following acting appointment:

| ISEM<br>*NAME* | POŻIZZJONI<br>*POSITION* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Is-Sa Marisa Hewer | Direttur Ġenerali<br>*Director General* | Dwana<br>*Customs* | 26-30.6.2017 |

It-23 ta' Ġunju, 2017

23rd June, 2017

**Nru. 646**

**AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI (ERA)**

**Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar Ambjentali**

Bi qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (L.S. 549.46) fir-rigward tal-applikazzjoni msemmija hawn taħt, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li tirriżulta f'impatti ambjentali li jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv fl-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali. Għalhekk, id-Direttur tal-Ambjent u r-Riżorsi jaqbel li l-proposta ma teħtiġx Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar Ambjentali (EPS). Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi ambjentali li huma speċifikati fil-kundizzjonijiet tal-proġett propost.

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar Ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni, kif ġie konkluż fl-*iscreening* tal-proġett skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza: PA 03595/16 (EA 00032/16)
Post: Uskin Ltd, Triq il-Belt Valletta, Iż-Żurrieq, Malta

Proposta: Biex tiġi ssanzjonata estensjoni eżistenti ta' Unit Klassi 5C (Fabbrika tal-aluminju/metall) ta' qabel 1967 u differenzi fl-elevazzjoni.

**No. 646**

**ENVIRONMENT AND RESOURCES AUTHORITY**

**Notification of Exemption from Environmental Planning Statement**

In conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations, 2007 (S.L. 549.46) with respect to the application mentioned hereunder, the Environment and Resources Authority has determined that the proposal is unlikely to result in environmental impacts that can be effectively addressed in an Environmental Impact Assessment. Therefore, the Director of Environment and Resourses agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS). This is without prejudice to the environmental obligations being specified in the proposed project conditions.

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and the Environment and Resources Authority has all the necessary information to determine the application, as concluded in the project screening according to Schedule IB of the same Regulations.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA 03595/16 (EA 00032/16)
Location: Uskin Ltd, Triq il-Belt Valletta, Żurrieq, Malta

Proposal: To sanction extension of existing Class 5C unit (Aluminium/Metal factory) pre 1967 and differences in elevations.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS). Il-PDS flimkien mal-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali ġew sottomessi lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi fis-26 ta' Ġunju, 2016 u t-23 ta' Mejju, 2017, rispettivament.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) and the justification for exemption from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) were submited to the Environment and Resources Authority on the 26th June, 2016, and on the 23rd May, 2017, respectively.

| **Impatti potenzjali** <br> ***Potential Impact*** | **Rimarki fuq miżura biex jittaffa l-impatt, eċċ.** <br> ***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Użu tal-art | Is-sit huwa diġà mħarbat, u għahekk l-iżvilupp propost inkluż l-operat tiegħu mhux mistenni li jħalli impatt sinifikanti fuq il-kundizzjonijiet fiżiċi tas-sit. |
| *Land Use* | *The site is already disturbed, therefore the proposed development including its operations is not expected to exert any significant environmental impacts on the physical properties of the site.* |
| Idroloġija, idroġeoloġija u kontaminazzjoni tal-art | Prattiki ta' kostruzzjoni tajba skont ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar Ambjentali tas-Sit tal-Kostruzzjoni, 2007 (S.L. 552.09) se jiġu implimentati sabiex jiġi mnaqqas kwalunkwe impatt potenzjali matul il-kostruzzjoni. L-ebda impatt sinifikanti mhu mistenni matul l-operat meta jiġi kkunsidrat li kwalunkwe impatt possibbli se jiġi mitigat bl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni li jinkludu l-art tal-konkrit impermeabbli, separatur taż-żejt u tal-ilma, ġbir ta' żejt u batteriji ġo *bunded pallets*, u *spill kits* f'każ ta' emerġenza. |
| *Hydrology, hydrogeology and land contamination* | *Good construction practices in accordance with the Environmental Management Construction Site Regulations, 2007 (S.L. 552.09) will be followed to minimise any potential impacts during construction. No significant impacts are envisaged during operation when considering that any possible impacts may be sufficiently mitigated through the application of mitigation measures including impermeable concrete flooring, an oil/waste separator, collection of spent oils and batteries in bunded pallets and the keeping of spill kits on site in case of emergencies.* |
| Kwalità tal-arja, storbju u vibrazzjonijiet | Livelli tat-tniġġis mill-arja, l-istorbju u vibrazzjonijiet iġġenerati matul it-tindif tas-sit u kostruzzjoni tal-iskema mhumiex mistennija li jkunu sinifikanti meta jiġu kkunsidrati n-natura u l-lokalità tal-proposta. Prattiki ta' kostruzzjoni tajba skont ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni, 2007 (S.L. 552.09) se jiġu implimentati sabiex jittaffa kwalunkwe impatt probabbli. Waqt l-operat, il-miżuri ta' mitigazzjoni proposti fil-PDS, bħal vetturi li jkunu fi stat ta' tiswija tajba u bl-*acoustic suppression* installat huma immirati lejn it-tnaqqis ta' kwalunkwe effetti probabbli sinifikanti fuq l-ambjent. |
| *Air quality, noise and vibrations* | *The amount of air emissions, noise and vibrations generated during site clearance, and construction of the scheme are not expected to be significant given the nature and location of the proposal. Good construction practices in accordance with the Environmental Management Construction Site Regulations, 2007 (S.L. 552.09) will be implemented to mitigate any likely impacts. During operations, the mitigation measures proposed in the PDS, such as the keeping of well-serviced vehicles fitted with appropriate acoustic suppression are aimed at reducing any likely significant effects on the environment.* |
| Immaniġġjar tal-iskart | L-ebda impatt sinifikanti mhuwa mistenni meta tikkunsidra li kwalunkwe impatt possibbli waqt il-kostruzzjoni jista' jittaffa bil-prattiki ta' kostruzzjoni tajba skont ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni, 2007 (S.L. 552.09). Skart muniċipali ħa jigi ġġenerat waqt l-operat, imma dan jista' jiġi mmaniġġjat bil-mekkaniżmu eżistenti tal-immaniġġjar tal-iskart nazzjonali. |
| *Waste management* | *No significant impacts are envisaged when considering that any possible impacts during construction may be sufficiently mitigated through the provisions laid down in the Environmental Management Construction Site Regulations, 2007 (S.L. 552.09). Municipal waste will be generated during operation, but this can be absorbed by the existing national waste management mechanisms.* |

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi żżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieg biex tinforma l-proċess tad-deċiżjoni.

It-23 ta' Ġunju, 2017

Notwithstanding the above, the Environment and Resources Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to inform the decision making process.

23rd June, 2017